# L-IBLAH

(*Tixbih fuq Rabindranath Tagore*)

1. Wieħed iblah kien qiegħed idur u jfittex il-ħaġra ta' l-egħġubijiet: b'xagħru mqanfed, b'wiċċu maħruq bix-xemx u kollu magħġun fit-trab; b'xoftejh magħsura, b'qalbu mdejqa u b'għajnejh jilmaw qishom dawl ta' musbieħ il-lejl fid-dlamijiet tat-triq.
2. Lil hemm minnu, l-baħar bla tarf kien qiegħed idamdam fil-ħemda bħall-ħoss tad-demm ġieri f'widna mqiegħda ma' bebbuxa mdaqqsa. Il-mewġ kienu qegħdin isefsfu lil xulxin bla heda fuq dawk il-boloħ li ma għarfu qatt isibu kif jistagħnew bil-moħba ta' qiegħ l-ilmijiet.
3. Jewwilla l-iblah kien qata' l-aħħar jies ukoll: iżda ħass li l-għajxien kien bla ħajr jekk it-tiftix jibqa' bla msiba: u ma riedx jaf b'mistrieħ.

   Kien qisu l-baħar, għalxejn jitħabat sabiex igħannaq il-kwiekeb ;

   Kien qisu kewkba ddur bla temma mal-ħolqien, għalxejn titħabat sabiex tbus il-mewġ.

   Waħdu, f'dak l-imkien battal, l-iblah, b'xagħru mqanfed u magħġun fit-trab, baqa' jdur u jfittex dejjem il-ħaġra ta' l-egħġubijiet.
4. Jum minnhom rah tfajjel raħli, resaq lejh u staqsieh: "Mnejn ksibtha dik il-ħannieqa tad-deheb li għandek fi ħżiemek?"

   L-iblah inħasad. Il-ħannieqa tal-ħadid li kellu fi ħżiemu kienet tabilħaqq saret tad-deheb. Ma kienx qiegħed joħlom iżda ma għarafx igħid meta kienet saret fiha dik il-bidla tal-għaġeb!

   Ta daqqa bil-herra fuq ġbinu. Fejn, jaħasra, fejn, bla ma jaf, kien sab u rema l-ħaġra ta' l-egħġubijiet ?
5. Kien dara jiġbor iż-żrar u jħokk bihom il-ħannieqa; u jerġa' jwaddabhom b'nuqqas ta' tama, bla ma jara jekk il-bidla mixtieqa saritx.

   B'hekk l-iblah kien sab u rema l-ħaġra ta' l-egħġubijiet!
6. Ix-xemx niżlet wara x-xefaq; u s-sema, minn dehbien, ħa fil-ħmura, u mill-ġdid fil-kħula u fl-aħħar swied.

   L-iblah dar 'l ura u reġa' beda jfittex: għajjien u milwi, b'xagħru mqanfed, magħġun fit-trab u b'qalbu magħsura; qisu musbieħ il-lejl qiegħed jarmi l-aħħar leħħa, qabel egħluq il-ħajja, fid-dlamijiet tal-lejl il-kbir!

Erin Serracino-Inglott

16-10-39